# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba’ Leġislatura

**Laqgħa numru 26**

**23 ta’ Ġunju 2018**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa’ fis-Sala tal-Komunita’ li tinsab fi Triq Ta’ Mulejja fl-4.00pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi-Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv
Manolita Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 26.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji.

Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji. Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

### 26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

Ġew ppreżentati l-minuti numru 25 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku ġibet l-attenzjoni u l-Kunsill qabel li jiġu ikkancellati l-items: 25.3.20, 25.3.21, 25.10.6, billi dawn ma ġewx imressqa għall-laqgħa preċedenti. Wara li ġew emendati il-minuti, dawn ġew approvati unanimament.

### 26.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Il-pagamenti ġew approvati unanimament u ċ-ċedola tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Wara li is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat lis-Sindku u il-Kunsilliera ta' l-appoġġ li tawha tul ix-xhur ta' ħidma li għamlet fil-Kunsill, hi awgurat il-ħidma it-tajba lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv kompliet il-laqgħa.

Is-Sinjorina Heidi Grech ħarġet mill-laqgħa fl-4:30pm.

### 26.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

26.4.1 Email mingħand id-Direttur fejn informa lil Kunsill sabiex jerġgħa joħroġ is-sejħa tas-Segretarju Eżekuttiv. Din kienet diskussa fil-laqgħa precedenti u il-Kunsill iddeċieda li tinħareġ, bħal ma ħarget is-sejħa preċedenti skond il-gwida tad-Direttur. Is-Sindku talab li din titniżżel fil-minuti billi kienet ġiet maqbuża f'dawk preċedenti.

26.4.2 Talba mingħand is-Sur Parnis sabiex issir il-bankina quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li isir dan ix-xogħol. Is-Sindku talab li din titniżżel fil-minuti billi kienet ġiet maqbuża f'dawk preċedenti.

26.4.3 Mid-term audit – qed nistennew direżżjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex nimxu skond il-liġi.

26.4.4 Taħrika ta' xhud – 17 ta' Lulju 2018. Din l-informazzjoni ġiet innotata.

26.4.5 Kien hemm qbil sabiex il-Kuntratt tal-ġbir ta' skart jiġġedded għal xahar ieħor.

26.4.6 Il-fornitur tal-boroż tar-reċiklaġġ informana li ma għandux materjal fil-mument. Kulħadd qabel li jekk naraw li ħa indumu biex inqassmu dan il-materjal lir-residenti, niċċekkjaw mal-fornituri oħra sabiex jagħtuna l-materjal.

26.4.7 Ms. Maureen Cardona ġiet mitluba sabiex tnaddaf xi inħawi imma ma setgħetx minħabba li kienu jiem ta' festa.

26.4.8 Talba mingħand Karmena Said sabiex issir kanna quddiem il-propjeta' tagħha. Il-Kunsill qabel li isir dan ix-xogħol.

26.4.9 Fil-laqgħa tal-Kunsill numru 25 iddiskutu dwar il-wisgħa ta' bankina. Din tkejlet mill-ġdid u instab li l-qisien huma differenti. Kien hemm talba sabiex jinħareġ permess sabiex isiru *zebra crossing light poles* biss, iżda issa il-kunsill qabel sabiex id-disinn jinbidel u isiru poles b'arms. Il-permess ħareġ fuq l-*arms* mhux fuq il-*light poles* interament skond il-kunsillier Horace Micallef. L-*electrician* irid jaħdem l-*arms* ta' mal-kanni għax ma jinstabux lesti biex jinxtraw, ħalli jintużaw il-kanni li diġa' huma għand il-kunsill.

26.4.10 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn nerġgħu nitkellmu mas-sur Chris Gauci li jwaħħal is-*safety features* tal-uffiċċju u is-sala ħalli isir ix-xogħol malajr kemm jista' ikun sabiex inkunu skond il-liġi.

26.4.11 Saret Festa Tfal organizzata mill-kunsill bil-kollaborazzjoni tal-Parroċċa fl-okkażjoni tal-Festa Titulari. Kien hemm purċissjoni bi statwa żgħira tal-Qalb ta' Ġesu'. Wara ħadu sehem Annette's *Mysic Dancers*, diversi kantanti, *magician* u kien hemm ukoll *bouncing castle*.

26.4.12 Il-Water Services Corporation għamlet it-tiswijiet meħtieġa dwar xogħol ħazin li kien sar fil-*printed concrete* ta' Trejqet Bieb il-Ghajn.

26.4.13 Iridu jinbidlu ix-xtieli ta' 40 qasrija fit-toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi. Il-Kunsill qabel li isir dan ix-xogħol.

26.4.14 Ħarġet is-26 ħarġa tal-fuljett "Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek" fl-okkażjoni tal-Festa Titulari. Din tqassmet lir-residenti tal-Fontana.

26.4.15 Saret ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti tal-Fontana f'Malta fit-3 ta' Gunju 2018. Żorna Festa Ħut fiż-Żurrieq, Wied iż-Żurrieq, Ħal-Tarxien fl-okkażjoni tal-Festa kif ukoll Wied il-Għajn. Attendew 18-il persuna fosthom is-Sindku.

26.4.16 Ġie diskuss il-mafkar għal-vittmi tal-logħob tan-nar. Dan il-monument ġie emendat mill-perit. Is-Sindku ra l-abbozz tat-tafal fl-istudio tas-Sur Joseph Scerri fir-Rabat, Malta, u issa l-abbozz ser isir fil-ġibs. Huwa qal li hemm bżonn isir *minor emendment* lil Awtorita' tal-ippjanar fil-permess tal-bini tac-Ċentru Ċiviku u il-Kunsill qabel. Dwar ix-xogħol tal-bronż, is-Sur Chetchuti normalment jitħallas fi tlett fażi u hemm bżonn li isir arranġement bil-miktub miegħu rigward dan ix-xogħol.

26.4.17 Il-multa tal-Planning Authority rigward sanzjonar tal-*bollard* fi Pjazza Għejjun li kienet ġiet mgħoddija lil Kunsill żmien ilu, Novembru 2014, biss dan il-kont kien qatt ma tħallas. Dan il-kont tħallas fil-jiem li għaddew u l-Awtorita' tal-Ippjanar bagħtet il-permessi meħtieġa.

26.4.18 Inżebgħu is-sinjali tat-toroq b'żebgħa tal-Kunsill bl-assistenza tal-ħaddiema tal-Ministeru għal-Għawdex. Bix-xieraq li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament.

26.4.19 Sar xogħol ta' żbir fuq il-*hedges* tal-*belvedere* u il-*playing field* mingħand Cassar *Pet & Hobby.*

26.4.20 Sar tindif tat-toroq li jaqgħu taħt il-Ministeru għal-Għawdex waqt il-ġranet tal-festa u bix-xieraq li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament.

26.4.21 Hemm bżonn li isir xogħol ta' qtugħ ta' xi qasab u il-pjanta invażivi taż-żejt ir-riġnu fil-wied li kien tnaddaf xi snin ilu. Hemm bżonn li insibu lil persuna adekwata sabiex tagħmel dan ix-xogħol.

26.4.22 Irridu naraw nistgħux nużaw l-allocation ta' €3000 li ġiet mogħtija bħala premju ta' *Waste Reduction* lil Kunsill, sabiex isir il-ktejjeb ta' tagħrif fuq l-istorja tal-lokalita' u f'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena tal-kunsill.

26.4.23 Saru 3 pots kbar bil-pjanti tal-Petunja fi Triq il-Mulejja u fil-*playing field* minflok il-palm li kien miet.

26.4.24 Beda x-xogħol fuq il-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku li ser isir bil-*porfido*. Saret sodda tal-konkos għall-*porfido*. Qabel ma issir l-ewwel kisja ta' *cement* ta' taħt il-*porfido* ta' ħdejn il-ġnien ta' ħdejn il-knisja hemm bżonn li isiru xi *pipes* sabiex ikunu jistgħu jgħaddu il-*wires* tad-dawl li għandu isir fl-art, biex jinxtegħlu il-monument tas-sajjieda u dak tal-vittmi tal-logħob tan-nar. Il-*pipes* jistgħu jinżlu għall-ġo *shaft* tal-Kunsill.

26.4.25 Dwar iz-żewġ fanali li ser jitwaħħlu fi Trejqet Grezzja Grima, trid tinġieb stima sabiex jinbidlu għall-LED. L-Inginier Mario Galea ser jitlob stima mingħand Richard Cauchi li kienu inxtraw mingħandu.

26.4.26 Irid isir avviż lir-residenti rigward il-ġbir tal-boroż tal-iskart reċiklabbli li ser jitqassmu mingħajr ħlas u ukoll biex jiġu mgħarrfa li nhar ta' Sibtijiet ta' Lulju, Awwissu u Settembru ser issir il-ġabra tal-borża is-sewda, li kienet proposta minghand is-Sindku. Irridu naraw għux possibli li it-tqassim tal-boroż taż-żibel organiku isir mill-uffiċċju tal-Kunsill billi xi residenti ma ingħatawlhomx meta ġew imqassma bieb bieb mill-ħaddiema tal-kumpanija tal-*Wasteserve.*

26.4.27 Fl-okkażjoni tal-Festa Titulari ntwera l-*feature* mtella' mill-kunsill qabel il-ħruq tal-logħob tan-nar tal-art, lejliet il-festa titulari.

26.4.28 Fis-17 ta' Ġunju, għall-potifikal tal-festa titular tal-Qalb ta' Ġesu' attendew is-Sindku u il-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia. Wara qassmu 18-il ikla lil-persuni anzjani tal-lokalita' li jgħixu waħedhom.

26.4.29 Is-Sindku u l-kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia attendew għal quddiesa ta' radd il-ħajr li saret mill-Arċisqof Emeritus Pawlu Cremona fl-okkażjoni tal-25 sena mill-Inkurunazzjoni tal-kwadru titulari. Wara l-Arċisqof kixef lapida kommemorattiva.

26.4.30 Is-Sindku għarraf lil Kunsill li kellem lil perit rigward ir-*refurbishment* tas-sala tal-komunita' u sabiex tissewwa xi ħsara li hemm fis-saqaf.

26.4.31 Is-Sindku għarraf lil Kunsill li saret laqgħa rigward l-offerta tat-tiżjin tal-Milied fi Triq Kapillan Hili, il-15 ta' Gunju u il-bord talab aktar kjarifikazzjonijiet.

26.4.32 Ilmenti u mistoqsijiet mingħand il-Kunsillier Horace Micallef.

1) Hemm bżonn li naraw li il-*playhouse* hija fi stat tajjeb għax innota li jista' jkun hemm periklu fl-istruttura peress li bdiet titbandal wara il-jiem tal-festa.
2) Hemm bzonn isiru żewġ kantuni fil-*playing field*. Is-sindku qal li il-bennej li kienet sabet is-Sinjorina Heidi Grech ma resaqx ghax-xoghol allura jippropona li jinstab haddiem iehor. Gie ipproponit li jigi avvicinat il-kuntrattur tar-Road Construction sabiex jaghmel dan ix-xoghol waqt ix-xogħol tal-*porfido*
3) Hemm bżonn li jitpoġġa *pipe* u *elbow* fi Triq Le Marchant fiż-żona ta' Santa Dminka fejn sar il-*gutter*. Dan ix-xogħol jista' isir fuq it-terrapien li diġa' hemm u jekk ikun hemm bżonn jinġab il-makkinarju sabiex isir ix-xogħol. Is-Sindku infurmawh li l-*elbow* u il-katusa inxtraw minghand ir-*Road Construction.*

**Il-laqgħa ġiet sospiża fil 5:15pm u reġgħet kompliet fil-5:22pm**

**26.5 Ħruġ ta' Offerti**

Il-Kunsill innota li hemm bżonn li jinħadem it-*tender* tal-ġbir tal-iskart domestiku. Is-Sindku informal ill-Kunsill li irċevejna email mingħand Svetlana Curmi, l-Assistent Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, sabiex tgħarraf lil-kunsill li jista' joħroġ l-offerta għal-sena b'sena għall-massimu ta' erbgħa snin. Il-Kunsill qabel li toħroġ l-offerta.

Kwotazzjoni ta' manifattura u xiri ta' bank tal-ħadid u injam bħal li hemm diġa' eżiżtenti. Ġie deċiż li isir aktar tiftix ta' opportunitajiet sabiex jitraħħas il-prezz.

**26.6 Ħarġa għall-Sqallija**

Inżdied il-ħin iddedikat għall-ħin liberu billi tnaqqas mill-ħin li kien maħsub li ser jingħata għall-ikel. B'hekk issa in-nies jistgħu jużaw dan il-ħin liberu biex jagħmlu ix-xiri tagħhom.

**26.7 *Items* ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li huma meħtieġa**

Ġew ippreżentati l-applikazzjonijiet tal-Planning Authority bin-numri PA/07009/02, PA/03085/17, PA/05567/17, PA/05654/17, PA/10990/17, PA/00782/18, PA/03859/18, PA/01480/18, PA/03135/18, PA/04041/18, PA/04192/18, PA/04966/18.

**26.8 Ilmenti u Komunikazzjonijiet**

Il-Kunsill ma rċeviex ilmenti matul dan ix-xahar.

26.8.1 Stqarrija mingħand l-Assoċazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward id-deċiżżjoni tal-Awtorita' tal-ippjanar illi jibda jkun hemm tqassim aħjar tal-imwejjed u siġġijiet mis-sidien tar-restoranti fuq art pubblika. Din l-istqarrija ġiet innotata. Ma hemmx restoranti fuq art pubblika fil-limiti tal-Kunsill Lokali Fontana.

26.8.2 Avviż importanti mingħand l-Awtorita' tal-ippjanar rigward il-'*Commencement Notice'* li trid tintbgħat mil-perit fi żmien ħamest (5) ijiem qabel il-bidu tax-xogħolijiet. Dan l-avviż ġie innotat.

26.8.3 Sejħa għal fondi taħt il-*Connecting Europe Facility-Telecom-WiFi4EU-Free Wifi for Europeans* ta' massimu ta' €15,000. Din is-sejħa għalqet fil-15 ta' Ġunju 2018. Din is-sejħa ġiet innotata u din kienet diga' ittiehdet decizzjoni dwarha f'laqgha precedenti.

26.8.4 L-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali (AKL) tixtieq tinforma li ser torganizza laqgħa plenarja nhar is-Sibt 7 ta' Lulju 2018 ġewwa id-*Dolmen Resort Hotel and Spa*. Il-Kunsillier Horace Micallef wera' l-interess tiegħu sabiex jattendi.

26.8.5 Memo 8/2015 – Ftehim kollettiv għal ħaddiema klerikali tal-kunsilli lokali. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali jixtieq ifakkar lis-Segretarji Eekuttivi li għandhom jaraw li jinżamm rekord tal-*progression* li jsir lill-impjegati. Din il-Memo ġiet innotata.

26.8.6 Stqarrija Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Rispett lejn il-kariga ta' Sindku, Viċi-Sindku u Kunsilliera meta issir xi żjara statali fil-lokalita' rispettiva tagħhom. Din l-istqarrija ġiet innotata.

26.8.7 Talba mingħand il-Federazzjoni Maltija ta' Organizzazzjonijiet Persuni b'Diżabilita' sabiex issir laqgħa mal-Kunsillier li għandu dan id-dekasteru, sabiex matulha naraw kif nistgħu nikkoperaw billi ngħaqqdu flimkien l-esperjenzi u l-viżżjoni ta' xulxin għall-akbar ġid tal-komunita' lokali. Din it-talba ma ġietx milqugħa.

26.8.8 Stedina ta' attendenza għal-laqgħa tal-*Europe for Citizens Programme 2014-2020* li saret fl-20 ta' Ġunju. Din l-istedina ġiet innotata.

26.8.9 Talba mingħand it-*Transport Malta* għal-rapport mill-Kunsill Lokali rigward ir-*Reserved Parking Bay* ta' Mr. Carmelo Cordina. Dan ir-rapport suppost sar sas-16 ta' Ġunju 2018. Din it-talba ġiet innotata u is-Sindku informa li dwar dan ġiet mibgħuta il-korrispondenza mitluba.

26.8.10 *Summer Work Placements* ta' erba' (4) ġimgħat fis-settur pubbliku għal-student tat-tielet u ir-raba' sena fl-Universita' ta' Malta. Risposta riedet tintbgħat sat-22 ta' Ġunju. Din l-informazzjoni ġiet innotata.

26.8.11 Ringrazzjament mingħand il-Kappillan tal-Fontana rigward il-Festa Tfal li saret il-Ħadd 10 ta' Ġunju. Fl-istess ittra sar invit sabiex il-Kunsill jattendi għal-pontifikali tal-festa. Din il-korrispondenza ġiet innotata.

26.8.12 Ċirk Akl 2018/062 – Stedina sabiex min hu interessat ikun jista jirreġistra sat-12 ta' Ġunju – Tfassil tal-Politika Nazzjonali tal-Kultura 2020-2025. Din l-istedina ġiet innotata.

26.8.13 Ċirk Akl 2018/164 & 165 – Stedina minn Spanja u Italja biex jaraw hemmx interess biex isir ġemellaġġ. Din l-istedina ma ġietx aċċettata.

26.8.14 Notifika mingħand id-Direttorat tal-Ambjent lil numru ta' kunsilli biex ifakkar sabiex jintbagħtu ir-rapporti tal-*Green Public Procurement*. Din l-informazzjoni ġiet innotata.

26.8.15 Email mingħand Wasteserv sabiex jintbagħtu l-invoices tal-2018 sabiex isir ir-rimbors. Intbagħtet email b'risposta sabiex naraw l-invoices li diġa' kienu intbagħtu waslulhomx. Din l-informazzjoni ġiet innotata u ser isir ix-xogħol mitlub minn din l-email.

26.8.16 Ċirk Akl 2018/066 – POYC *Outreach Program* "Kun af aktar dwar il-mediċini tiegħek". Il-POYC qiegħda tistieden lil kunsilli sabiex jorganizzaw laqgħat informattivi sabiex in-nies tal-lokalita' isiru jafu aktar rigward il-mediċini, tagħrif in-ġenerali u skemi tal-POYC. Il-Kunsill qabel ma din l-istedina u ser jittieħdu passi sabiex isir dan il-programm. Ir-residenti ser jiġu magħrrfa fl-avviż li jitqassam bieb bieb.

26.8.17 Stqarrija mill-Kumitat Reġjonali Ċentru fejn jikkundannaw l-inċident li seħħ fil-konfront tal-Kunsillier tal-Gżira. Din l-istqarrija ġiet innotata.

26.8.18 Email mingħand Reġjun Għawdex biex jistieden proposti għall-Baġit 2019. Is-Sindku ippropona sabiex issir il-manutenzjoni fit-toroq li saru bil-fondi tal UE f'Ghawdex.

26.8.19 Ittra mingħand id-Direttur tal-Kunsilli Lokali rigward l-approvazzjoni tal-ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Din l-ittra ġiet innotata.

26.8.20 Ċir Akl 2018/065 Aħbar ta' mewt tas-Sur Michael Grech, hu s-Sinjura Anna Callejja, Kunsilliera fil-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar. Din l-informazzjoni ġiet innotata.

26.8.21 Email mingħand Henry Borg rigward is-servizz li joffri ta' tabelli bil-faċċata tixgħel bl-LEDS speċjalment f'postijiet ta' *zebra crossings*. Din l-informazzjoni ġiet innotata.

26.8.22 Ċir Akl 2018/062 – Stedina għal-laqgħa nhar is-16 ta' Ġunju fuq is-suġġett "Tfassil tal-politika nazzjonali tal-kultura 2020-2025". Din l-informazzjoni ġiet innotata.

26.8.23 Stedina lil-membru effettiv għal-laqgħa tar-Reġjun Għawdex nhar 17 ta' Lulju. Is-Sindku wera' l-interess tiegħu sabiex jattendi.

26.8.24 Talba mingħand il-Ministeru għal-Għawdex sabiex il-Kunsill jagħti is-suġġerimenti rigward liema toroq residenzjali li għandhom jiġu kkunsidrati għall-2019 għall-xogħol ta' kisi bit-*tarmac*. Is-Sindku ippropona dik il-parti ta' Triq bejn Pjazza Sant Wistin u il-Knisja Parrokkjali li parti minnha ta' bejn il-Pjazza Sant Wistin u it-Triq Kapillan Ġużepp Hili diġa' għandu l-istima lesta, kif ukoll Trejqet ta' Wara l-Idjar li trid tinbena mill-ġdid. Huwa qal li dawn it-toroq diġa' kienu tressqu lil Ministeru għall- Għawdex fix-xhur li għaddew u il-Kunsill qabel.

**26.9 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-5:45p.m u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 24 ta' Lulju 2018 fil-5.00p.m b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**Saviour Borg**
**Sindku**

**Manolita Farrugia**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**